MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 408/2002/1

**Victor Debattista, Peter Debattista, John Debattista, Juanito Debattista, Dolores Debattista, Tonio Debattista, Sandro Debattista, Roberto Debattista, Manolita Pugliese, Anton Debattista, Miriam Tonna, Albert Debattista, Vincent Debattista, Jesmond Debattista, Marlene Busuttil, Stephen Debattista u Josette Gianrusso**

**vs**

**Josephine Camenzuli**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fl-10 ta’ April, 2002, li *in forza* taghha, wara li ppremettew illi:

Fit-18 ta' Dicembru, 1999 miet Paul Debattista, u l-wirt tieghu huwa regolat permezz ta' testment datat 5 ta' Marzu, 1999 ippubblikat minn Nutar Hugh Grima (Dok. A).

Il-kontendenti huma lkoll werrieta ta' d-*decujus*, filwaqt li permezz tal-artikolu sitta ta' l-istess testment il-konvenuta Josephine Camenzuli, kienet nominata wkoll bhala ezekuttrici testamentarja.

Fl-espletazzjoni tal-inkarigu taghha bhala ezekuttrici testamentarja, il-konvenuta Josephine Camenzuli naqset milli tinkludi fil-lista tal-assi tad-*decujus* is-somma ta' GBP20,558 (Lm13,548 dak iz-zmien) li kienet giet trasferita lilha mid-*decujus* fis-27 ta' Ottubru, 1999 (Dok. B), u dana minkejja diversi talbiet maghmula mill-atturi f'dan is-sens.

Josephine Camenzuli bhala ko-eredi kienet legalment obbligata li timputa dina s-somma fil-massa ereditarja tad-*decujus*.

Konsegwentement dina s-somma ma gietx diviza bejn l-eredi izda giet arbitrarjament mizmuma mill-konvenuta.

L-assi tad-*decujus* gew kollha divizi ghajr ghal dina s-somma li fir-rigward taghha l-atturi zzammew impregudikati d-drittijiet taghhom.

Talbu lill-konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara illi s-somma ta' GBP20,558 (Lm13,548 dak iz-zmien) li kienet giet trasferita lill-konvenuta mid-*decujus*, fis-27 ta' Ottubru, 1999 tifforma parti mill-assi ereditarji tal-mejjet Paul Debattista;

2. tordna lill-konvenuta Josephine Debattista sabiex timputa l-istess somma, inkluz l-imghax li ddekorra fuqha, fl-assi ereditarji tad-*decujus* u tiddividiha bejn il-werrieta kollha, u dana skond kif dispost fit-testment ta' Paul Debattista tal-5 ta' Marzu, 1999.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 19 ta' Lulju, 2000, u tal-ittri bonarji datati 22 ta' Novembru, 2000, 29 ta' Gunju, 2000, 26 ta' April, 2001, kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta li *in forza* taghha eccepiet illi:

1. Preliminarjament:

a. Il-gudizzju m'huwiex integru *stanti* illi hutha Carmelo, Robbie u Anthony ma jiffurmawx parti minn dina l-kawza ghalkemm huma ilkoll werrieta tal-mejjet Paul Debattista flimkien ma' l-atturi – neputijiet ta' l-istess mejjet – u ohtu il-konvenuta. Ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

b. Fost l-atturi li f'isimhom saru il-prezenti proceduri, tnejn minnhom u *cioe'* Josette Gianrusso u Tonio Debattista jghixu barra minn dawn il-gzejjer u ma kienux prezenti f'Malta fl-10 ta' April, 2002. Konsegwentement, il-proceduri maghmulin f'isimhom huma nulli u minghajr effett fil-ligi.

2. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kawza odjerna ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi *stanti* illi:

a. L-ammont indikat fic-citazzjoni verament thallas lill-konvenuta minn huha Paul Debattista u dana *in via* ta' pagament ghas-servigi li hija kienet ilha tirrendilu ghal tnejn u ghoxrin sena u ghalhekk l-istess ammont qatt ma jista' jifforma parti mill-*"assi ereditarji tad-decujus"*;

b. Fi kwalunkwe kaz, l-ammont *in kwistjoni* jirrapprezenta parti zghira hafna mill-assi totali illi kellu id-*decujus* fis-seba' u ghoxrin ta' Ottubru, 1999 u dana kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salv eccezzjonijiet ohra. Salv u impregudikati id-drittijiet taghha ghal kumpens ulterjuri dovut lilha skond il-ligi mill-werrieta tad-*decejus*.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti tal-5 ta’ Dicembru, 2002, li *in forza* taghha cahdet l-ewwel paragrafu tal-ewwel eccezzjoni, bhala mhix fondata fil-ligi, u qieset li l-gudizzju hu shih, u astjeniet milli tqies it-tieni paragrafu tal-ewwel eccezzjoni, peress illi l-konvenuta irrinunzjat ghalih waqt is-smiegh, u ordnat li s-smiegh tal-kawza jitkompla bit-trattazzjoni fil-meritu;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hi kawza li tittratta l-wirt ta’ Paul Debattista li miet fit-18 ta’ Dicembru, 1999. Hu kien guvni bla tfal, u l-genituri tieghu kienu mietu qablu. Il-partijiet f’din il-kawza huma oht u n-neputijiet ta’ Paul Debattista li miet b’testment fl-atti tan-Nutar Hugh Grima tal-5 ta’ Marzu, 1999. F’dan it-testment, id-*decujus* halli diversi legati (partikolarment, lill-konvenuta ohtu u l-familja taghha), u hatar lill-hutu kollha eredi tieghu f’ishma indaqs; fl-istess testment, id-*decujus* hatar lill-konvenuta ohtu ezekuttrici testamentarja tieghu.

L-atturi ressqu din il-kawza ghax iridu li s-somma ta’ Lstg20,558 (ekwivalenti ghal Lm13,550) li d-*decujus* ta’ lill-konvenuta qabel ma’ miet ghandha tigi imputata fil-massa ereditarja. Mhux kontestat illi fis-27 ta’ Ottubru, 1999, Paul Debattista dawwar ghal fuq il-konvenuta l-flus li kellu depozitati gewwa *foreign currency account* fil-Lombard Bank, u li dawn il-flus, il-konvenuta, wara li

qalbithom fi flus Maltin, iddepositathom fuq isimha f'kont mal-istess Bank.

L-atturi ma jghidux ghaliex il-konvenuta kienet *"legalment obbligata"* li idahhal dawn il-flus fil-massa ereditarja. Li hu zgur hu li din l-azzjoni ma tistax tigi ikkunsidrata taht ir-regim tas-successjoni, u dana peress li l-atturi, bhala ahwa, m'ghandhom ebda porzjoni mill-assi tal-mejjet riservata favur taghhom. Infatti, l-artikolu 614(1) tal-Kodici Civili jghid li jekk it-testatur ma jkollux dixxendenti, axxendenti, zewgu jew martu, jew tfal naturali, kif fil-fatt ma kellux Paul Debattista, jista' jiddisponi minn gidu kollu, b'titolu universali jew partikolari, favur kull persuna kapaci li tircievi. Skond l-artikolu 913(1) huma t-tfal u d-dixxendenti biss li ghandhom igibu fil-massa tal-wirt dak kollu li jkunu hadu b'donazzjoni minghand il-mejjet.

Minn naha l-ohra, l-artikolu 1753(1) tal-Kodici Civili jiddisponi li d-donazzjonijiet huma nulli jekk ma jsirux b'att pubbliku; din tidher li hi l-bazi tal-azjoni tal-atturi. Il-konvenuta tiddefendi ruhha billi fl-ewwel lok, tallega li l-flus ma kienux donazzjoni, izda kumpens ghas-servigi minnha resi lil Paul Debattista, u, f'kull kaz, tinvoka is-subartikolu (2) tal-artikolu 1753, li jghid li att pubbliku mhux mehtieg meta d-donazzjoni tkun ta' flus meta s-somma tkun zghira, *"meta jitqiesu l-kundizzjoni tal-persuni u cirkostanzi ohra"*.

Fuq l-ewwel materja, kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Ellul vs Gauci", deciza fid-9 ta' Frar, 1983, meta persuna taghti ammont bhala hlas tas-servigi resi, meta ma hemmx ragunijiet bizzejjed li juru li kien hemm servigi veri, dak il-kumpens jista' jitnaqqas mill-Qorti. L-atturi, f'dan il-kaz, jikkontestaw l-allegazzjoni tal-konvenuta li hi rrendiet servigi tal-kwantita' u kwalita' li jimmeritaw dak il-kumpens. Tajjeb li jigi carat mill-ewwel li, l-legat ta' Lm50,000 imhalli mid-*decujus* lill-konvenuta fit-testment, m'ghandux jittiehed *in konsiderazzjoni* ghall-fini tal-kalkolu tal-kumpens ghas-servigi resi. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Bianco vs Valenzia noe", deciza fl-4 ta' Novembru, 1983, legat imholli f'testment, m'ghandux jitqies li inghata bhala kumpens ghas-servigi resi, meta dan ma jirrizultax

mit-testment; *nonostante* dak il-legat, il-legatarju xorta wahda jibqa' jzomm id-dritt li jfittex ghall-kumpens ghas-servigi resi.

Fil-kalkolu tal-kumpens, kif irriteniet din il-Qorti fil-kawza "Vassallo vs Aquilina", deciza fid-29 ta' Gunju, 1982, wiehed ghandu jzomm f'mohhu
(1) il-frekwenza u x-xorta tas-servigi;
(2) il-mezzi tal-beneficcjarju, u
(3) il-parentela bejn il-partijiet.

Fil-kawza "Catania vs Agius", deciza minn din il-Qorti fil-11 ta' Dicembru, 2003, intqal *a propositu* illi:

*"…wiehed jista' jsib illi l-kumpens akkordat ma jkun qatt f'ammonti fenominali u dan peress li s-servizi jinghataw kwazi dejjem minhabba ragunijiet ta' parentela bejn il-partijiet u anke ghaliex it-talba ghall-hlas ta' servigi kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza "Delicata vs Saliba" deciza fit-22 ta' Mejju, 1989 hi bazata fuq kwazi kuntratt u mhux fuq kuntratt li nholoq bejn min jirrendi s-servigi u l-beneficcjarju u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi izda ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi ohra li ftit jew wisq inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-servigi resi u l-hlas relattiv. Dan iwassal biex il-kumpens ma jkun qatt l-ekwivalenti tax-xoghol li sar izda adegwat mehud kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz"*.

Minn analizi tal-provi prodotti, il-Qorti tqies li l-konvenuta verament irrendiet servigi li, mehud kont tal-mezzi tad-*decujus*, kien jimmeritha l-kumpens li hadet. Paul Debattista kienet persuna li kienet tghix wahedha, u fost hutu, il-konvenuta kienet l-unika wahda li kienet tiehu hsiebu billi tmur ghandu erba' darbiet fil-gimgha, tehodlu l-ikel, tahsillu l-hwejjeg, tnadafflu u tahsillu d-dar u, b'mod generali, izommlu kumpanija. Il-konvenuta kellha l-familja taghha, izda xorta wahda kienet, erba' darbiet fil-gimgha, tqatta mill-10.00am sal-4.00pm ma' huha. Hu kien jaghtiha xi haga zghira fix-xahar biex tkopri xi spejjez, izda dawn lanqas kienu bizzejjed biex ikopru l-ispejjez kollha. Hi kienet issajjarlu ikel normali, inkluz laham, hut u pasta,

u kienet iggib dan mid-dar taghha. Il-hwejjeg mahmugin kienet tehodhom id-dar taghha, tahsilhom hi, u tehodhomlu lura. Okkazzjonalment kienet ukoll tohorgu gurnata jew tiehdu d-dar ta' bintha. Dan ix-xoghol kollu dam sejjer ghal 22 sena, u tul dan iz-zmien (hlief ghall-ahhar 8 snin) kienet ukoll tahsillu l-art tad-dar. Fl-ahhar snin, ma setghetx tkompli tahsel l-art bhal qabel, peress li Paul Debattista, li kien *ironmongery* kellu jitlaq mill-hanut li kellu fil-Belt, u l-*istock* u l-ghodda li kellu hadhom id-dar. Minhabba li d-dar intliet bl-ghodda u kaxxex kbar, ma kienx possibbli ghaliha li tahsel l-art bhal qabel. Jirrizulta wkoll li fl-ahhar 10 snin ta' hajtu, l-atturi ma marru qatt izuru lill-Paul Debattista, izda jghidu li kien ikun *"imdellek"* meta jarawh fit-triq. Il-Qorti mhux konvinta fuq dan, u tara li, fil-fatt, il-konvenuta kienet idur b'huha, fil-limiti tal-istatus li kienu imrobbija fih. Il-konvenuta kienet anke takkumpanja lil huha ghand it-tabib meta jkollu bzonn, u jidher li baqghet l-unika kuntatt li kellu mal-familja tieghu. Meta tqies l-iskarigg u l-impenn li l-konvenuta kellha biex regolarment tiehu hsieb lil huha, il-Qorti tara li, fic-cirkustanzi, kumpens ta' madwar Lm13,550 mhux wiehed ezagerat u jiffitja fil-kriterji li semmew aktar qabel.

Din il-Qorti tghid ukoll li anke jekk din is-somma hi eccessiva bhala kumpens ghas-servigi resi, il-bilanc ghandu zgur jitqies li jkun kopert bis-subartikolu (2) tal-artikolu 1753. Jirrizulta li sa ftit xhur qabel ma' miet, id-*de cujus* kellu 'l fuq minn Lm130,000 depositati fil-Lombard Bank, u dana apparti l-valur tal-mobbli, ghoddod u hwejjeg ohra, u d-dar tieghu li kien jiddetjeni b'titolu ta' enfitewsi. Il-konvenuta, wara l-mewt tad-*decujus*, iddisponiet mill-ghodda li kellu bil-prezz ta' Lm7,000. Meta tqies dan kollu u c-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti tara li, jekk hemm element ta' donazzjoni fl-ghoti ta' dawk il-flus, dak l-element ghandu jitqies ta' valur zghir.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta, u tichad it-talbiet tal-atturi.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-atturi *in solidum* bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------